KUNSILL LOKALI ĦAMRUN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun**

**It-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 19**

Il-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tlieta 10 ta' Novmebru, 2020 fis-6.00p.m.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut – Sindku
Vincent Bonello – Viċi Sindku
Carmen Borg – Kunsillier
Jurgen Carl Grixti - Kunsillier
Joseph Cuschieri – Kunsillier

**UFFICCJAL PREŻENTI:**

Daniel Buġeja – Segretarju Eżekuttiv

**19.01 ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skond Ordni Permanenti 14A (3):**

19.01.01 Efrem Buttiġieġ – Kunsillier
Cynthia Tommasuolo – Kunsillier

**Is-Sindku Christian Sammut** ippresjeda l-laqgħa.

**19.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

18.02.01 Ġew iċċirkolati l-Minuti ta' Seduta Nru 18 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati unanimament.

**19.03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

19.03.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa li illum inaqgħad magħna **l-Kunsillier Joseph Cuschieri** flok is-sinjura Louise Portelli. Filwaqt li irringrazja is-sinjura Portelli ta' s-servizz moghtti lil-Ħamrun huwa xtaq jagħti merħba lis-sur Chuschieri.

Ġie deċiż li l-**Kunsillier Joseph Cuschieri** jieħu id-dekasteru ta' sports u attivitajiet fiżiċi. Il-Kunsill qabel unanimament u ta merħba lil Kunsillier Joseph Cuschieri.

19.03.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li t-tender ta' l-Knis qiegħed dipartiment tal-Kuntratti u qed nistenew.

19.03.03 **Is-Sindku Christian Sammut** informa li x-xogħol fuq il-pavimentar fi' Triq Kapillan Mifsud miexi ġmielu u naħa minnom diġa kważi lesta.

19.03.04 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li it-tenders fuq il-proġett ta' l-ferrovija jagħlqu f'Diċembru.

19.03.05 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li t-tisbieħ ta' l-librerija tlesta. Il-Pitturi u statwa twaħlu. Huwa issuġerixxa li jsir xi tip ta' ftuħ uffiċċjali u tingħata tifkira it-tfal. Kunsill qabel unanimament.

19.03.06 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li id-donazzjoni ta' l-Pink October ingħataw il-Marigold Foundation.

19.03.07 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill l-ħaddiema Brenda Mifsud bdiet u qed tkun ta' għajnuna kbira għal kunsill.

19.03.08 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li l-Ħamrun ġie inkluz fil-Grand Harbour Regneration Corporation u talbuna niproponu proġett. Huwa ipropona li nisottometu applikazzjoni biex jiġu riġenerati il-bankini ta' Triq Il-Kbira San Ġuzepp. Kunsil lqabel unanimament.

19.03.09 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li fuq tender ta' Street Lightning, għadna qed nistenew mir-Reġjun.

19.03.10 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li l-korsijiet ta' terza eta' bdew u is-Sibt 7 ta' Novembru attendew madwar 10 persuni

19.03.11 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li fi' Ġnien Salvinu Spiteri beda jsir ix-xogħol fuq il-pavimentar.

19.03.12 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li fi' Ġnien Oreste Chircop sar iż-żbir li kien neċċesarju, filwaqt li issuġerixxa lijinbidlu l-bankijiet għal oħrajn ġodda. Il-kunsill qabel unanimament.

19.03.13 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li qed issir il-ħidma fuq il-magazin tal-kunsill, għaldaqstant hemm bżonn li jintbgħat l-artiklu tal-kunsilliera minufiħ.

19.03.14 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li kien hemm talba ta' 3 parkeġġi riservati għal-AWAS. Kunsill qabel li jikonċeddi parkeġġ wieħed.

19.03.15 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li x-xogħol biex issir CD ta' innijiet Ħamruniżi miexi ġmielu.

19.03.16 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li l-Kunsill ġie ikuntatjat min għaqda biex issir esibizzjoni ta' arti min persuna nieqsa mil-vista. Huwa qal li talbuna post u għajnuna finanzjarja biex issir video dwar din l-esibizzjoni, għal madwar spiża ta' € 1,600. Huwa issuġerixxa li din l-esibizzjoni issir fis-sala tal-Kunsill bil-possibilta li wara issir f'postijiet ohra fil-Ħamrun. Huwa issuġerixxa wkoll li jinxtara Television biex nuzawħ għal din l-esibizzjoni filwaqt wara nkunu nistgħu nużawh għal-affarijiet oħra. Kunsill qabel unanimament.

19.03.17 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li kien hemm kuntatt min Wasteserv biex jitpoġew magni ta' Potable Water fil-Ħamrun. Kunsill qabel unanimament li tinġabar iktar informazzjoni.

19.03.18 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li l-Community Police aviċinawna biex ikollom post min fejn jaħdmu. Huwa issuġerixxa li f'każ ta bżonn noffru li jaħdmu min ġo l-kunsill. Kunsill qabel unanimament. **Is-Sindku Christian Sammut** qal li jridu issiru iktar laqgħat magħom iżda is-sitema ta' bħalissa ha tibqa l-istess, dik li resident jagħmel l-ilment ma' l-għassa jew kunsill u dawn jiġu mogħdijja lilom.

19.03.19 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li l-Perit qiegħed jagħmel xogħol tajjeb iżda qed ikollna problema ta' dewmien. Huwa issuġerixxa li naraw il-possibilta' li nużaw servizzi ta' periti differentu għal proġetti oħra. Il-Kunsill qabel unanimanet

**19.04 Milied fil-Ħamrun**

19.04.01 **Is-Sindku Christian Sammut** issuġerixxa li apparti l-presepju fi' Pjazza San Pawl, il-kunsill jżejjen triq il-Kbira u zoni oħra fil-Ħamrun. Huwa issuġerixxa wkoll li issir kompetizzjoni għal isbaħ facatta kif ukoll l-isbaħ gallarija. Il-Kunsill qabel unanimament.

**19.05 Slow Streets**

19.05.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li irċevejna id-dokument bis-suġġerimenti dwar Slow Streets fil-Ħamrun. Huwa issuġerixxa li fi Triq Manuel Magri issir gnien fin-nofs flok iż-żebgħa biex tindika l-island. Il-Kunsill qabel unanimament. Huwa qal ukoll li ġie aviċinat min disinjatur Ħamruniż li offra l-għajnuna tiegħu għal l-isqaqin. Huwa ghandu jerġa jagħmel kuntatt magħna

**19.06 Servizzi ta' l-Gvern**

19.06.01 **Is-Sindku Christian Sammut** issuġerixxa li jinstab post għal-kiri biex inkunu nistgħu nutilizawħ biex nagħatu is-servizzi tal-gvern lir-residenti Ħamruniżi. Filwaqt li qal li hemm possibilta' li issir Night Shelter ġewwa il-binja ta' Fra Diegu. **Il-Kunsillier Jurgen Grixti** irrimarka li idealment ikun hemm parkeġġ viċin. Il-Kunsill qabel unanimament.

**19.07 Marketing – Website / Programm Televiżiv**

19.07.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li skont l-istimi li nġabru għal-programm televiżiv, l-irħas kwotazzjoni hij dik ta' €350 fuq XEJK TV. Huwa irrimarka li bl-ispejjeż ta' loġistika, kull programm jiġi jiswa madwar €650, għal total ta' madwar €6,500 għal 10 programmi. Il-Kunsill qabel unanimament

19.07.02 **Is-Sindku Christian Sammut** issuġerixxa li l-Website ta' l-Kunsill tigi rinovata wara 13 il-sena kif inhi għal spiża ta' madwar €1700. Huwa qal li jistghu issiru xi informazzjoni dwar min ingħata Ġieh Il-Ħamrun, informazzjoni dwar personaġġi Ħamruniżi u postijiet ta' interess fil-lokalita' filwaqt li tingħata iktar informazjoni dwar il-Ħamrun, speċjalment dik riċenti. Huwa qal li apparti min hekk, bi spiża żgħra ta' €800, meta issir tfittxija dwar il-Ħamrun fuq google, l-ewwel affarijiet li jitilgħu ikunu dawn sbieħ. Kunsil lqabel unanimament.

**19.08 Toroq - Infrastructure Malta**

19.08.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li kien hemm talba għal suġġeriment x'toroq jistgħu issir fil-Ħamrun. Huwa issuġerixxa triq Mimmosa, triq San geatanu, triq Vittorja, triq Santa Marija, triq Anton Buttigieg u triq San Gwann. Kunsill qabel unanimament li għadna nissuġerixxu dawn it-toroq.

**19.09**

**Tender - Contract Manager**

19.09.01

**Is-Sindku Christian Sammut** issuġerixxa li tinbeda l-ħidma biex il-kunsill ikollu Contracts Manager. Il-Kunsill qabel unanimament.

**19.10**

**Skeda ta' Ħlasijiet**

19.10.01

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġa fuq il-mejda l-iskeda ta' ħlasijiet għax-xahar ta' Settembru, 2020.

**Il-Kunsillier Vincent Bonello** ippropona l-approvazzjoni ta' dawn il-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Carmen Borg** issekondat il-mozzjoni.

L-iskeda ta' ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**19.11**

**Performance bonus – Ħaddiema ta' l-Kunsill**

**19.11.01**

**Is-Sindku Christian Sammut** qal li huwa jemmen li din is-sena, bis-sitwazzjoni preżenti il-ħaddiema ta' l-ufficju kif ukoll dawk li jaħdmu fuq barra ħadmu iktar u għamlu iktar min li mistenni biex jaqgħdu ir-residenti Ħamruniżi. Għaldaqstant huwa qed jissuġerixi li jingħataw il-Performance Bonus fil-massimu tiegħu. Il-Kunsill qabel unanimament.

**19.12**

**Post fi' Triq il-Kbira San Ġużepp**

19.12.01

**Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li wara ħidma ta' **s-Segretarju Eżekuttiv** irċevejna konferma li ġejna devolutti dan il-post. Huwa qal li għandu bzonn issirlu xi manutenzjoni u tisbiħ. Kunsill qabel li issir ix-xogħol meħtieġ

**19.13**

**Ħwejjeġ Oħra**

19.13.01

**Is-Segretarju Eżekuttiv** fakkar li trid issir il-laqgħa annwali. Kunsill qabel li issir 10 ta' Novembru, fis-7 ta' Filgħaxija skont il-miżuri ta' s-saħħa.

**19.14 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

19.14.01 Il-laqgħa intemmet fid-8:30 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 9 ta' Diċembru fil-5:30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum, 9 ta' Dicembru, 2020

Christian Sammut
Sindku

Daniel Bugeja
Segretarju Eżekuttiv